MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 332/2002/1

**Christopher Carabott bhala rapprezentant ta' Iss Ltd, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Intech srl**

**Vs**

**Synergene Technolgies Ltd**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur nomine fil-25 ta' Marzu, 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta illi s-socjeta' *Synergene Technologies Ltd* kienet ordnat ghamara minn ghand is-socjeta' attrici, u sussegwentement ordnat numru ta' apparat tal-laboratorju tal-valur u prezz ta' EURO 50,260.65 minn ghand is-socjeta' estera Intech srl (Dokument A).

Ippremettiet illi matul is-sajf tas-sena 2001 kemm l-ghamara kif ukoll ammont konsiderevoli mill-ordni ta' l-apparat tal-laboratorju gew debtiament konsenjati lis-socjeta' konvenuta, ghal liema konsenji is-socjeta' attrici ingustament naqset li thallas kif miftiehem.

Ippremettiet li s-socjeta' attrici zammet l-ahhar ammont ta' apparat tal-laboratorju ordnat milli jigi konsenjat lis-socjeta' konvenuta, u dan sa ma s-socjeta' konvenuta thallas ghall-merkanzija minnha ricevuta.

Ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta hadet sa Frar 2002 biex hallset ghall-ghamara, u ghadha sal-lum ma hallsitx ghal dawk l-ammonti ta' apparat tal-laboratorju konsenjati lilha, u anke ddikjarat li ma tridx taccetta dak l-apparat tal-laboratorju li ghadu fil-pussess tas-socjeta' attrici.

Ippremettiet li dan l-agir ingust tas-socjeta' konvenuta qed jirreka danni ingenti lis-socjeta' attrici.

Talbet biex is-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li s-socjeta' attrici sofriet danni bi htija ta' l-agir tas-socjeta' konvenuta;

2. Tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mis-socjeta' konvenuta kif inghad, u jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi ghal dan il-ghan.

3. Tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma hekk likwidata u dikjarata dovuta kif premess.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-30 ta' Novembru, 2001, u tal-mandati numri 473/02 u 590/02, u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1. Is-socjeta’ konvenuta effettwat il-hlas ghall-ghamara li giet ikkonsenjata lilha mis-socjeta’ attrici permezz ta’ *‘transfer’* mill-kont bankarju tas-socjeta’ attrici u dan *“in full and final settlement”* ghal kull ammont dovut u reklamat mis-socjeta’ attrici ghal din il-konsneja kif jidher mid-dokument hawn anness mmarkat Dok. ‘A’;

2. Is-socjeta’ konvenuta ssospendiet l-hlas ghall-konsenja ta’ apparat tal-laboratorju peress illi parti mill-merkanzija konsenjata rrizulta li kienet difettuza u/jew mhux tal-kwalita’ rikjesta mis-socjeta’ konvenuta u dan kif gie indikat lill-agenti lokali tas-socjeta’ attrici u *stante* il-pendenza ta’ trattativi bejn il-partijiet ghall-transazzjoni ghall-hlas tas-socjeta’ konvenuta ta’ l-ammonti dovuti ghall-apparat fl-ewwel konsenja b’riduzzjoni tal-prezz ta’ l-apparat difettuz. (ara Dok ‘B’ u ‘C’);

3. Il-fatt illi xi apparat konsenjat lis-socjeta’ kovnenuta kiien difettuz ma giex negat mis-socjeta’ attrici, anzi dan gie ammess mill-agenti lokali tas-socjeta’ attrici stess li kienu kostretti jirtiraw xi apparat minn din il-merkanzija konsenjata sabiex jigu mibdula jew sabiex jigu effettwati fuqhom it-tiswijiet necessarji (ara Dok. ‘D’);

4. In vista tal-kwalita’ hazina ta’ l-apparat xjentifiku formanti parti mill-ewwel konsenja, u in vista wkoll tad-dewmien fit-tieni konsenja ta’ apparat, liema apparat ghadu sal-gurnata tal-lum fil-pussess tas-socjeta’ attrici, ghall-fini tal-kontinwazzjoni ta’ l-operazzjonijiet taghha u sabiex timminimizza d-danni kawzati lilha, is-socjeta’ konvenuta ddecidiet li takkwista l-apparat mehtieg minghand terzi; b’hekk informat lis-socjeta’ attrici li ma kienitx aktar interessata fit-tieni konsenja (ara Dok.’C’);

5. Ghaldaqstant t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt uf id-dritt u ghandhom jigu respinti bl-spejjez kontra l-istess socjeta’ attrici;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-Mandati li gew annessi ma' din il-kawza;

Seghmet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partjiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet originarjament ordnat konsenja ta' ghamara minghand is-socjeta' attrici liema konsenja kellha valur ta' LIT56,650,000. Skond il-ftehim, il-hlas kellu jsir ta' 25% tal-prezz ma' l-ordni u l-bilanc fi zmien 30 gurnata mill-konsenja. Id-depozitu thallas mis-socjeta' konvenuta u saret il-konsenja ta' l-ghamara pattwita; il-hlas tal-bilanc tal-prezz kellu jsir f'Lulju tal-2001 u dan peress li l-konsenja ta' l-ghamara saret lejn l-ahhar ta' Mejju/bidu ta' Gunju tas-sena 2001.

Fil-frattemp, is-socjeta' konvenuta ordnat konsenja ta' apparat xjentifiku minghand is-socjeta' attrici liema ordni kellha valur ta' Euro 50,260. L-ordni harget fl-20 ta' Lulju, 2001. Ghal din l-ordni ma sarx ftehim ta' hlas ta' depozitu, imma sar qbil li l-hlas kollu relattiv issir fi zmien 30 gurnata mid-data tal-konsenja. Dwar kif u meta kellha ssir il-konsneja l-provi mhux konkordanti. Ir-rapprezentant tas-socjeta' estera, Urbano Barbarella, jghid li l-ftehim kien li l-konsenja kellha ssir fi zmien 60 gurnata, cioe', ghall-habta ta' l-20 ta' Settembru, 2001. L-istess Signor Barbarella jghid li pero', is-socjeta' konvenuta riedet hafna mill-prodotti li ordnat malajr u fi zmien qasir, u biex jakkomodha, fit-30 ta' Lulju, 2001, bghatilha parti mill-ordni; din il-parti kellha valur ta' cirka Euro 26,000.

Min-naha l-ohra, il-provi u d-dokumenti esebiti ma jissufragawx lis-Signor Barbarella li l-konsenja kellha ssir

fi zmien 60 jum mill-ordni; la fuq l-ordni u lanqas fuq il-konferma ta' l-ordni ma hemm indikat tali terminu. L-attur Christopher Carabott ukoll ikkonferma li l-ordni ma kienetx torbot lis-socjeta' esponenti (cioe' is-socjeta' estera Intech srl) b'xi zmien partikolari ghall-konsenja (ara kopja tar-risposta tieghu fl-atti tar-Rikors 352/02/GCD). Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, Kevin Camilleri, wkoll jikkonferma li *"Ma jirrizultali mill-ebda dokument li kien hemm xi data li dawn kellhom jaslu fiha… Naqbel li din hija l-ordni li ghamilna ghall-affarijiet. Jiena ma kontx involut fiha u dan id-dokument ma fih ebda data tal-konsenja; li hemm hija d-data tal-hlas."*

Skond is-socjeta' konvenuta wkoll, ma kienetx hi li riedet taqsam l-ordni f'zewg partijiet. Hi riedet konsenja fi zmien qasir u dan biex taghmar il-laboratorju li kienet behsiebha tibda topera hawn Malta, u kienet is-socjeta' estera li qaltilha li ma kienetx f'pozizzjoni tforni l-ordni kollha fi zmien qasir, u li xtaqet li tforni parti mill-ordni f'dak ix-xahar stess, u l-qbija f'nofs Settembru, u dan peress li kien impossibbli ghaliha li takkwista l-konsenja kollha fi zmien qasir, u dan minhabba l-vaganzi tal-*ferragosto*. Is-socjeta' konvenuta jidher li accettat dan il-pjan.

Hi x'inhi l-verzjoni vera ta' kif sehhew l-affarijiet, hemm qbil li fit-30 ta' Lulju, 2001, is-socjeta' attrici forniet lis-socjeta' konvenuta bi ftit aktar minn nofs il-valur ta' l-ordni; il-bqija ta' l-ordni kellha tigi konsenjata fl-ewwel gimghatejn ta' Settembru, 2001.

Fil-frattemp, peress li parti mill-ordni giet ikkonsenjata fit-30 ta' Lulju, 2001, is-socjeta' attrici stenniet li sad-29 ta' Awissu, 2001 (30 gurnata mill-konsenja), tircievi l-hlas relattiv ghal dik il-konsenja. Lejn l-ahhar ta' Lulju, 2001 is-socjeta' attrici kellha wkoll tircievi il-hlas li kien fadal ta' l-ewwel ordni ta' l-ghamara li kienet saret.

Peress illi mal-bidu ta' Settembru, is-socjeta' attrici ma ircevietx dawn il-hlasijiet li kienet qed tistenna, fit-3 ta' Settembru, 2001, bghatet *fax* lis-socjeta' konvenuta fejn informata li l-konsenja tat-tieni parti ta' l-ordni ta' l-apparat xjentifiku kienet se tintbaghat fit-tielet gimgha ta'

Settembru, u fakkritha fil-hlasijiet li kienu ghadhom dovuti, cioe', LIT 55,000,000 fuq l-ordni ta' l-ghamara u EURO 26,182 fuq il-konsenja li saret fit-30 ta' Lulju, 2001. Peress li baqa' ma sarx il-hlas relattiv, u peress li, fi kliem l-imsemmi Signor Barbarella, huwa kellu "*sospetti pesanti*" dwar il-likwidita' tas-socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici hadet decizjoni li ma kinetx se tforni it-tieni parti ta' l-ordni ta' l-20 ta' Lulju, 2001, qabel ma jsir il-hlas ta' dak dovut. Din id-decizjoni giet ikkomunikata lis-socjeta' konvenuta b'*fax* tad-19 ta' Settembru, 2001, fejn jinghad testwalment minn Signor Barbarella li *"we cannot complete the final supply setting of our outstanding account".* Is-Signor Barbarella ikkonferma din il-pozizzjoni meta quddiem din il-Qorti xehed u qal li hu kien iddecieda li *"non mandiamo piu la seconda parte in mancanza di pagamento".* Dan ikkonfermah wkoll l-attur meta, fl-atti tar-Rikors 351/02/JRM xehed hekk:

*"B'riferenza ghat-tieni parti tat-tieni ordni, it-tien parti ma ntbaghtitx ghax kien hemm problemi ta' hlas kemm fuq l-ordni ta' l-ghamara u kif ukoll fuq l-ordni ta' l-ewwel parti tat-tieni ordni. Synergene ma kellhomx flus biex ihallsuna. Ahna infurmajniehom lis-Synergene li minhabba dan in-nuqqas ta' hlas ma stajniex naghtuhom it-tieni parti ta' l-ordni".*

Il-hlas relattiv tal-bilanc fuq l-ordni ta' l-ghamara sar fi Frar, 2002, izda l-hlas tal-parti mit-tieni ordni konsenjata baqa' ma sarx. Is-socjeta' konvenuta m'ghamiltx il-hlas relattiv ghax allegat li hafna mill-apparat li giet konsenjata kien difettuz u ma kienx tajjeb ghall-uzu ghall-iskop indikat. Din il-kwistjoni tinsab dedotta f'kawza ohra (citazzjoni numru 330/02/GCD), li fiha l-attur *nomine* qed jitlob hlas tal-parti mill-ordni ta' apparat xjentifiku konsenjat u s-socjeta' konvenuta qed tecepixxi li ma ghandhiex thallas ghax l-apparat kien difettuz.

F'din il-kawza, is-socjeta' qed titlob hlas ta' danni derivanti mill-fatt li l-hlas tal-bilanc ta' l-ordni ta' l-ghamara sar tard, u mill-fatt li t-tieni parti tat-tieni ordni (dik ta' l-apparat xjentifiku) baqghet ma gietx konsenjata htija tas-socjeta' konvenuta; din il-merkanzija, peress li kienet riservata

ghas-socjeta’ konvenuta, baqghet mizmuma fl-i*stores* tas-socjeta’ attrici, u peress li hi merkanzija minghajr il-garanzija tal-prodottur, ma tistax tinbiegh fis-suq ta’ l-Unjoni Ewropeja.

Il-Qorti tinnota li meta bil-*fax* tad-19 ta’ Settembru, 2001 (u *reminder* fl-1 ta’ Ottubru, 2001), is-socjeta’ attrici talbet hlas, fit-twegiba tas-socjeta’ konvenuta b’*fax* datata 1 ta’ Ottubru, 2001, ma ghamlet ebda referenza ghall-allegati difetti fil-apparat, izda, fiha inghad biss li l-hlas kellu jsir fi zmien qasir, wara l-10 ta’ Ottubru, meta l-kumpanija *“would see the first influx of the capital mentioned above”*. Fi kliem iehor, ghalkemm kemm Svetlana Pulis (meta xehdet fl-atti tar-Rikors 351/02/JRM), u kemm Dr Claire Bonello (meta xehdet fl-atti tar-rikors 352/02/GCD), qalu, ta’ l-ewwel, “*li l-intoppi bdew jinqalghu f’Settembru tas-sena 2001” u, tat-tieni, li “xi gimghatejn wara li bdejna nuzawhom bdew jindunaw b’dawn id-difetti*” u li *“f’xi l-ahhar ta’ Settembru bdejna nircievu l-complaints min-nies li jahdmu fil-laboratorju”*, f’Ottubru, ta’ l-istess sena, meta s-socjeta’ konvenuta kinet gia taf li qed ikollha problemi bl-apparat konsenjat lilha, ma infurmatx lis-socjeta’ attrici b’dawn id-difetti, u r-raguni li gabet ghan-nuqqas ta’ pagament fi zmien miftiehem, ma kienetx l-allegati difetti, izda n-nuqqas ta’ likwidita’ tal-kumpanija. Fil-fatt, ikompli jirrizulta li s-socjeta’ attrici b’*fax* tat-2 ta’ Ottubru, 2001, kienet infurmat lis-socjeta’ konvenuta li kienet tista’ tistenna sal-11 ta’ Ottubru, 2001, ghall-pagament, izda ziedet kundizzjoni li l-konsenja tat-tieni parti tat-tieni ordni issir biss wara li s-socjeta’ konvenuta tipprovdi *“a tangible payment insurance”.* B’*fax* ohra tad-29 ta’ Ottubru, 2001, is-socjeta’ attrici baqghet tinsisti ghall-hlas u r-risposta tas-socjeta’ konvenuta kienet, ghal darba ohra, tirreferi ghall-htiega li tinghata aktar zmien ghall-hlas. Kien fix-xhur ta’ wara li s-socjeta’ konvenuta, ghall-ewwel darba, qajmet il-kwistjoni tad-difetti fl-apparat supplit. Jidher ukoll li l-agent lokali tas-socjeta’ estera attrici, kien irtira whud mill-apparat biex jigu irrangati, u meta dawn gew irrangati, offra li jikkonsenjhom lura lis-socjeta’ konvenuta, versu hlas tal-konsenja, izda din ma riedithomx ghax, fil-frattemp, kienet gabet l-apparat li riedet minghand ditta estera ohra u dan peress li ma setghetx tistenna aktar

biex tibda tiffunzjona. Min-naha l-ohra, mhux kuntrastat li n-nuqqas ta’ hlas tal-bilanc fuq l-ewwel ordni ta’ l-ghamara, kienet biss konsegwenza ta’ nuqqas ta’ likwidita’ da parti tas-socjeta’ konvenuta.

Il-kwistjoni ta’ l-allegati difetti fl-apparat supplit, hija, kif inghad, il-meritu ta’ kawza ohra. Dak li jrid jigi deciz f’din il-kawza huwa jekk is-socjeta’ attrici kienetx intitolata li zzomm il-konsenja tat-tieni parti tat-tieni ordni, minhabba nuqqas ta’ hlas fi zmien pattwit ta’ l-ewwel ordni u ta’ l-ewwel parti tat-tieni ordni.

Il-Qorti tirrileva li l-bejgh in kwistjoni jirrizulta li gie perfezzjonat kif irid l-artikolu 1347 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jiddisponi li “Il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjeta’ tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz”. F’dan il-kaz il-ftehim fuq il-haga u l-prezz sar fl-20 ta’ Lulju, 2001, u minn dakinhar, l-oggetti in kwistjoni saru tas-socjeta’ konvenuta, u min dak il-mument, il-venditur, cioe’, is-socjeta’ attrici, dahlet f’obbligu ta’ kunsinna (artikolu 1378 tal-Kodici Civili). Sar qbil wkoll li kunsinna kellha issir f’zewg partijiet, wahda kemm jista’ jkun malajr f’Lulju stess, u l-ohra f’Settembru ta’ l-istess sena. Il-hlas kellu jsir fi zmien 30 gurnata mill-kunsinna. Meta l-partijiet qabblu li l-kunsinna setghet issir f’zewg partijiet, ma tkellmux dwar jekk il-hlas kellux isir fi zmien 30 gurnata minn kull kunsinna, jew fi zmien 30 gurnata mill-ahhar kunsinna. Il-pozizzjoni li hadet is-socjeta’ attrici hu li l-hlas kellu jsir wara kull parti tal-kunsinna, u s-socjeta’ konvenuta jidher li accettat din il-pozizzjoni ghax, kif intwera, meta giet mitluba thallas il-prezz ta’ l-ewwel kunsinna, ma osservatx li hi kellha thallas wara li ssir l-kunsinna ta’ l-apparat kollu, izda qalet biss li, f’dak il-mument, ma kellix likwidita’ bizzejjed biex thallas. B’hekk implicement accettat li l-hlas ta’ l-ewwel kunsinna kellu jsir fi zmien 30 gurnata wara l-kunsinna.

Dan ifisser li, bi qbil bejn il-partijiet, il-bejgh li originarjament kien wiehed, sar maqsum fit-tnejn, fis-sens li kellu jigi perfezzjonat f’zewg stadji, bil-hlas isir fi zmien

30 gurnata wara kull stadju. Gara li peress li l-hlas wara l-ewwel stadju ma sarx, is-socjeta' attrici ma ghaddietx ghall-kunsinna previst fit-tieni stadju. Din il-Qorti ma tstax taqbel ma' l-attitudni li hadet is-socjeta' estera. Kif inghad, skond il-ligi, darba hemm bejgh, jitwieled fill-bejjiegh l-obbligu tal-kunsinna, u l-artikolu 1391 tal-Kodici Civili jghid li l-bejjiegh mhux obbligat jikkunsinna l-haga f'kaz biss li x-xerrej ma jhallasx il-prezz taghha, hlief, l-artikolu jkompli, "meta l-bejjiegh ikun ta' lix-xerrej zmien ghall-hlas". Issa, f'dan il-kaz, ix-xerrej, fil-fatt, inghata zmien ghall-hlas. Ghalkemm originarjament, il-hlas ghall-konsejna ta' l-ewwel parti tat-tieni ordni kellu jsir *entro* d-29 ta' Awissu, 2001, is-socjeta' attrici estendiet dan it-terminu, l-ewwel sal-5 ta' Ottubru, 2001 (*fax* ta' l-1 ta' Ottubru), u mbaghad sal-11 ta' Ottubru, 2001 (*fax* tat-2 ta' Ottubru). Meta saret din l-estensjoni taz-zmien, is-socjeta' attrici ma setghetx aktar tonqos milli tikkunsinna it-tieni parti tat-tieni ordni. Darba li l-bejgh kien komplut, l-oggetti kienu tax-xerrej u ma baqghux tas-socjeta' attrici, u darba din ikkoncediet zmien lix-xerrej ghall-hlas, ma setghetx tonqos milli taghmel kunsinna. Il-kunsinna tat-tieni parti tat-tieni ordni kellha ssir fil-bidu ta' Settembru, u dana wara li sar qbil f'dan is-sens bejn il-partijiet; ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici stess stqarr li l-kunsinna ta' dik it-tieni parti kellha ssir sal-20 ta' Settembru, 2001. Issa mhux biss ix-xerrej inghata zmien biex ihallas ghal dik il-partita, izda z-zmien li kellu ghall-hlas tall-kunsinna precedenti kien estiz ghal wara z-zmien pattwit ghall-kunsinna, u kwindi ma kien hemm ebda raguni legali ghaliex il-kunsinna tat-tieni parti ma kellhiex ukoll issir. Fi kliem iehor, il-kunsinna tat-tieni parti tat-tieni ordni kellha ssir <u>qabel</u> ma x-xerrej kellu jaghmel il-hlas ta' l-ewwel parti. Skond il-ligi, jekk ix-xerrej ma jhallasx il-prezz, il-bejjiegh ghandu dritt li jzomm l-oggett mibjugh bhala garanzija tad-drittijiet tieghu u jikkonserva b'dan il-mod il-pussess ta' l-istess oggetti biex ikun jista' jezercita d-drittijiet tieghu fuqhom ukoll; dan, pero', ma jistax jaghmlu meta lix-xerrej jinghata z-zmien, estiz ghal darba darbtejn, biex jaffettwa l-hlas. Ghalhekk, anke jekk il-bejgh jitqies bhala "wiehed", iz-zmien koncess ghall-hlas jimmilita kontra l-applikazzjoni ta' l-ewwel parti ta' l-artikolu 1391 tal-Kodici Civili.

Apparti dan; din il-Qorti hadet spunt wkoll minn dak li gie deciz minn din il-Qorti fil-kawza "Parnis England vs Bonnici et", deciza fid-29 ta' Jannar, 1926 (Vol.XXVI.II.79), fejn intqal is-segwenti:

*"Nelle vendite a consegna ripartie sia che il pagamento debba farsi a ciascuna consegna sia diversamente non si possa dare una regola indeclinabile circa alla risolusione o meno di tutto il contratto ove una delle parti venga meno ai suoi obblighi riguardo una delle consegne. Trattandosi di una prima consegna se l'obbligazione del venditore fu considerate come unica ed indivisibile in modo da non potersi eseguire per parti, deve risolversi l'intero contratto; altrimenti non e' giusto consentire la risoluzione dell'intero contratto per la irregolarita' o la non-conformita della prima consegna; in rigurardo alla seconda consegna, venendo a risolvere il contratto si deve rispettare le parti gia eseguita con soddisfazione di ambo le parti; ma nell'accordare la risoluzione si deve giudicare con maggior cautela e prudenza che non quando il contratto non abbia avuto esecuzione".*

La darba sar qbil li l-konsenja ssir f'partijiet ma jkux gust li, ghal xi nuqqas tax-xerrej fl-obbligi tieghu in konnessjoni ma' l-ewwel parti, hu jigi mcahhad ukoll milli ssir il-kunsinna tal-partjiet l-ohra tal-kuntratt, meta ghal dawk il-partijiet huwa wkoll inghata zmien ghall-hlas.

Issa, l-artikolu 1392 tal-Kodici Civili, jiddisponi illi anke meta x-xerrej ikun inghata zmien ghall-hlas, f'certi cirkustanzi il-bejjiegh jista' jirrifjuta l-kunsinna. Dan l-artikolu, fil-fatt, jipprovdi hekk:

"**1392**. (1) Il-bejjiegh lanqas mhu obbligat ghall-kunsinna tal-haga, ghalkemm ikun ta zmien lix-xerrej ghall-hlas tal-prezz, jekk, wara l-bejgh, ix-xerrej ikun naqqas b'ghemilu l-garanziji li bil-kuntratt kien ta lill-bejjiegh.

(2) Lanqas mhu obbligat ghall-kunsinna jekk, wara l-bejgh, ix-xerrej ifalli, jew isir mhux solvibbli, jew l-istat tieghu jitbidel b'mod li l-bejjiegh ikun fil-periklu li jitlef il-prezz.

(3) Dan ighodd ukoll meta, ghalkemm ix-xerrej kien fi stat ta’ failliment jew ta’ insolvenza fiz-zmien  tal-bejgh, dan l-istata ma dehrex hlief wara l-bejgh u l-bejjiegh ma kienx jaf bih fiz-zmien tal-bejgh.

(4) Izda, fil-kazijiet kollha hawn fuq imsemmija l-bejjiegh hu obbligat jikkunsinna l-haga, jekk ix-xerrej jaghtih garanzija ghall-hlas tal-prezz fiz-zmien miftiehem”.

F’dan il-kaz, pero, ma jirrizultax li s-sitwazzjoni tas-socjeta’ konvenuta marret ghall-aghar wara l-bejgh, jew li kien hemm xi bidla sostanzjali fis-sitwazzjoni finanzjarja taghha bejn il-bejgh u l-kunsinna. Jekk meta sar il-bejgh, il-venditur ma kienx ghadu a konoxxenza tas-sitwazzjoni finanzjarja tax-xerrej, tul ix-xahar ta’ Settembru sar jaf, tant li s-Signor Barbarella stqarr li beda jkollu *“sospetti pesanti*” dwar il-likwidita’ tas-socjeta’ konvenuta. *Ciononostante,* ma ddecediex li jzomm l-oggett ta’ bejgh biex jithallas id-drittijiet tieghu, izda estenda z-zmien ghall-hlas sa’ l-11 ta’ Ottubru, 2001, u dan meta zgur kien ben konxju tas-sitwazzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Barra minn dan kif qalet l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza “Darmanin vs Sammut”, deciza fis-26 ta’ Mejju, 1939 (Vol XXX.I.775), il-periklu kontemplat f’dan l-artikolu m’hemmx bzonn li jkun imminenti, imma jrid ikun reali u mhux apparenti. Ghalkemm intwera li, f’dik l-epoka, is-socjeta’ konvenuta seta’ jkellha problemi ta’ likwidita’, ma intwerhiex li ma kellhiex assi ohra bizzejjed biex, *occorendo*, taghmel tajjeb ghal dak id-debitu taghha; ma jirrizultax li kienet fi stat ta’ falliment jew li kienet sejra tfalli u ma jidhirx kwindi li kienu jezistu l-estremi ghall-applikazzjoni ta’ l-artikolu 1392 tal-Kodici Civili.

Ghar-rigward tar-relazzjoni li s-socjeta’ attrici ghamlet bejn il-kunsinna tat-tieni parti tat-tieni ordni mal-hlas tal-prezz ta’ l-ewwel ordni (ta’ l-ghamara), din il-Qorti ma tqies tali rabta bhala wahda imsejsa il-ligi, u dan peress li hu car li dawk l-ordnijiet huma distinti u indipendenti minn xulxin, u l-venditur ma jistax jorbot l-ezekuzzjoni ta’ kuntratt ma’ dak li jigri jew ma jigrix f’kuntratt iehor.

Dwar l-allegazzjoni tas-socjeta' attrici li hi sofriet danni minhabba d-dewmien fil-hlas ta' l-ewwel ordni, jirrizulta li meta eventwalment sar il-hlas, dan sar u gie accettat "*in full and final settlement*". L-accetazzjoni tal-hlas da parti tas-socjeta' attrici ghandha tigi ritenuta li kienet skond l-offerta ghas-saldu, kwindi ma tista' tintalab ebda somma ohra bilancjali  - ara f'dan is-sens, "Apap vs Gasan et", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Novembru, 1986, "Bonello vs Sammut", deciza min din il-Qorti fis-6 ta' Gunju, 1997, u "P1 Productions Ltd vs Perfecta Advertising Ltd" deciza mill-Qorti Civili tal-Magistrati fl-10 ta' Mejju, 2001.

Kwindi, ma hemm ebda "agir" li ghaliha is-socjeta' konvenuta trid thallas id-danni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez tal-kawza, minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------